MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 76/2004

**Mid-Med Bank plc li b'risoluzzjoni ta' l-1 ta' Dicembru 1999 bidlet isimha ghal HSBC Malta p.l.c.**

**v.**

**Simon Debono**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Simon Debono talli fil-15 ta' Dicembru 1998 f'dawn il-Gzejjer u cioe` fil-Belt, Valletta, permezz ta' ittra mibghuta bil-'facsimile' lill-Onorevoli Prim Ministru, ta malafama lil Mid-Med Bank plc ai termini tal-artikolu 11 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, u alternattivament bl-istess mezz u fl-istess jum u hin ta malafama lill-istess Mid-Med Bank plc ai termini ta' l-artikolu 252 (subinciz 1 u 3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u b'hekk sar recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija

mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata nhar-it 28 ta' Mejju 1998;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u lliberatu minn kull imputazzjoni u htija;

Rat ir-rikors ta' appell tas-socjeta` kwerelanti HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezentat fis-26 ta' Marzu 2004 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u ssib il-kwerelat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-pieni kkontemplati mil-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` kwerelanti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju tas-socjeta` kwerelanti hija fis-sens illi f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ddikjarat x'kienu l-konsiderazzjonijiet li fuqha kienet ibbazat is-sentenza taghha, ma ghamlet l-ebda referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` kwerelanti. Bhala aggravju dan huwa wiehed ghal kollox fieragh peress illi fil-parti preliminari l-ewwel Qorti qalet li kienet "[r]at l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza" u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tispecifika ebda wahda minn dawk l-atti jew dokumenti.

L-aggravji l-ohra bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-fatti. U bhalma dejjem gie ritenut, huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-

konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-ittra in kwistjoni "hija ferm malafamanti u ngurjuza fil-kuntest tal-persuni msemmija" f'dik l-ittra, izda esprimiet "[i]d-dubbji taghha kemm dana jista' jinkwadra fil-konfront tal-Bank kwerelant. Se mai, l-ittra hija ntiza biex proprju tipprotegi l-interessi tal-Bank u tara illi l-fiducja u stima illi kienet tgawdi, tibqa' tgawdieh bl-ghazla tan-nies kompetenti fuq il-board of directors. Dan jidher li hu l-messagg illi l-ittra trid taghti fl-assjem taghha". Is-socjeta` appellanti ssostni li galadarba l-ewwel Qorti accettat il-fatt illi l-kontenut ta' l-ittra per se huwa malafamanti, galadarba sar attakk fuq direttur u fuq ex-direttur tal-Bank, il-malafama ghandha titqies li saret fil-konfront ta' l-istess Bank.

Mix-xiehda ta' l-Avukat Dott. Eric Mamo jirrizulta li l-Bank sab oggezzjoni ghal zewg partijiet ta' l-ittra in kwistjoni: l-ewwelnett l-ahhar paragrafu fuq l-ewwel faccata li jaqra hekk:

*"Mr. Alex Cuschieri was elected to the Board of Mid-Med Bank in December 1996 through the 'C' shares held by the public in the Annual General Meeting nearly solely on the strength of thee shares owned by the Russian organised crime component through Finco"*.

Il-parti l-ohra tinsab fuq it-tieni faccata u taqra hekk:

---

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004 u gurisprudenza hemm citata.

*"The situation has now changed dramatically. With the appointment of Mr. Cuschieri by the Government to the Board of Directors of MMB, the following implications may foreseeably be drawn:*

*a) That there exists a possibility that te interests of Russian organised crime will be looked after by two individuals who are also directors at Mid-Med Bank Board level, one being the above-mentioned and the other being te person who will receive the proxies of Finco, thus exerting a very considerable influence at board level - a position which is not possible at the moment.*
*b) ….*
*c) That Russian organised criminal elements have effectively managed of* [recte: to] *infiltrate the Board of a major Maltese Bank"*.

Skond Dott. Mamo, "il-Bank hass ruhu ingurjat b'dawn il-paragrafi peress illi gie attribwit lilu b'konnessjoni mal-kriminalita` organizzata Russa b'tali mod illi l-fiducja tieghu fil-pubbliku tista' tigi mminata u b'hekk jintilef ir-rekwizit necessarju u dak fiducjarju ghall-operazzjoni ta' Bank".

L-appellant gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 248 u, alternattivament, bi ksur ta' l-artikolu 252(1)(3) tal-Kap. 9. L-appellant dejjem sostna li hu ma ghamel l-ebda allegazzjoni fil-konfront tal-Bank u li kellu dejjem l-interess tal-Bank fuq quddiem nett.

Issa, bhalma ntqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rev. Dr. Joseph Bezzina et** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' April 2002,

**"Hija gurisprudenza pacifika in tema ta' libell, li ma hix mehtiega ghall-integrazzjoni tar-reat in dizamina l-intenzjoni specifika tal-kittieb li jivvilifka; huwa bizzejjed li jigu ppubblikati kliem li bhala fatt joffendu r-reputazzjoni ta' dak li jkun. Kif inghad mill-kompjant Imhallef William Harding fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mis-sentenzi tal-Qrati Inferjuri) tat-8 ta' Jannar, 1959 fl-ismijiet *il-Pulizija v. Joseph Micallef Stafrace*,**

**Inghad fil-gurisprudenza ngliza illi:- 'The law looks at the tendency and at the consequences of the publication, not at the intention of the publisher … If the defendant has published words which have in fact injured plaintiff's reputation, he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act' (Kollezz. Deciz. XLIII,D, part. iv, 880, pagni 908-909).**

**Din il-gurisprudenza baqghet tigi segwita anke taht ir-*regime* tal-Kap. 248, jigifieri l-Att dwar l-Istampa tal-1974 (ara *Il-Pulizija v. Anthony Montanaro u Joseph Busuttil* App. Krim., 23 ta' Settembru, 1976; *Il-Pulizija v. Onor. Perit Michael Falzon u Paul Spiteri* App. Krim., 15 ta' Dicembru, 1977). Anke jekk wiehed jara kif inhu formulat l-Artikolu 11 tal-Kap. 248, jidher car li l-*animus iniuriandi* hu mehtieg biss ghall-fini tal-paragrafu (a) tal-imsemmi artikolu, u cioe` meta 'fil-malafama jigu attribwiti lil dik il-persuna [malafamata] fatti determinati <u>bi skop li joffendu</u> l-unur u l-fama taghha, jew li jesponiha ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku …' (sottolinear tal-Qorti). Ghalhekk fil-ligi taghna, il-kwistjoni tal-*animus iniuriandi* fil-kaz ta' libell taffettwa, proprjament, il-piena li ghandha tigi erogata, izda mhux l-ezistenza o meno tar-reat."**

Kwantu ghar-reat kontemplat fl-artikolu 252 tal-Kap. 9, din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijet **Il-Pulizija v. Joseph Gauci** deciz fit-3 ta' Settembru 2001, qalet hekk:
**"… ma hemmx dubbju li l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-gieh ta' haddiehor. Hi dottrina pacifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji, ecc.) ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hi presunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mil-ligi li jinnewtralizza l-*animus***

***injuriandi*. Hekk, per ezempju, jekk il-kliem in kwistjoni jkunu ntqalu *animus corrigendi*, jew *animus consulendi*, jew *animus jocandi* ma jistax jinghad li hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali (ghalkemm fil-kaz ta' kliem li jinghad *animus jocandi* jista' jkollok, fil-ligi taghna, l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e)). L-istess jista' jinghad jekk persuna tkun ragjonevolment tahseb li sar reat (kontriha jew fil-konfront ta' haddiehor) jew, anke jekk il-fatt ma jammontax ghal reat, jekk tkun ragjonevolment tahseb li qed issir xi haga li tista' tkun ta' hsara ghaliha jew ghal terzi, tista' tiddenunzja dak il-fatt lill-awtorita` kompetenti bla ma tinkorri fir-reat ta' ingurja. Kif gie mfisser mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet *Emmanuele Baldacchino v. Stella Abela et* (Appell Kriminali, 6 ta' Dicembru 1948):**

**'… hu principju sancit mill-gurisprudenza illi jekk persuna, ghal ragunijiet tajba, tkun gustifikata illi tahseb ragjonevolment, u mhux bla motiv gust, illi haddiehor ghamel reat ghad-dannu taghha, u timputalu dan ir-reat, allura b'daqshekk ma hix soggetta ghal proceduri ghall-ingurja. <u>Izda hi kondizzjoni, fost ohrajn, ta' l-applikabilita` ta' dan il-principju illi l-imputazzjoni ghandha ssir bl-anqas pubblicita` possibbli</u>. Jekk, b'kumbinazzjoni, meta ssir l-imputazzjoni jkun hemm xi hadd prezenti, b'daqshekk il-privilegg ma jintilifx necessarjament, <u>basta li jirrizulta li l-imputazzjoni ma gietx komunikata lil persuni ohra 'avvicinati bla bzonn'</u> (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali)".**

Mill-provi jirrizulta l-ewwelnett li l-ittra in kwistjoni ntbaghtet fl-ufficcju tal-Prim Ministru lejliet Annual General Meeting tal-Bank kwerelant. Jidher illi l-persuni msemmija fl-ittra gew infurmati bil-kontenut taghha minn dak l-ufficcju stess u effettivament gew istitwiti proceduri kriminali u civili kontra l-appellat u l-firmatarju l-iehor ta' l-ittra. Dawn il-proceduri gew irtirati wara, fost ohrajn, affidavit li ghamel l-appellat (ara fol. 53) fejn irtira "kategorikament kwalunkwe addebitu, allegazzjoni jew asserzjoni" li seta' ghamel fil-

konfront tal-persuni msemmija fl-istess ittra. Pero` mbaghad gew istitwiti dawn il-proceduri mill-Bank appellant. Fix-xiehda tieghu l-appellat spjega fid-dettal x'wassal biex tinkiteb din l-ittra, mill-inkontru li l-MUBE kellha mal-Prim Ministru ghall-habta ta' Mejju 1998 meta, fost affarijiet ohra, giet diskussa l-kwistjoni tan-nomina ta' diretturi u talbiet ripetuti biex isir xi haga bil-miktub sakemm fil-fatt inkitbet l-ittra msemmija. Meta gie mistoqsi ghaliex l-ittra ntbaghtet lill-Prim Ministru u mhux lill-Bank, l-appellat qal:

"… nixtieq nghid illi dana ghamilniha peress illi dak iz-zmien kienet waslet in-nomina ta' direttur biex jirrapprezenta l-Gvern u ahna ridna nifthu ghajnejn il-Gvern sabiex joqghod attent lil min jinnomina. Ahna ma kelna l-ebda lealta` jew rabta sabiex ninformaw il-Bank. Dan ghamilnieh bhala Union, mhux bhala impjegati tal-Bank".

Inoltre qal ukoll li:

"… la personalment lill-Prim Ministru u lanqas meta konna fil-laqgha ufficjali mieghu ma qatt ghidt xi haga kontra l-Bank, anzi dak illi ghamilt kien proprju attentat sabiex nipprotegi l-Bank minn xi infiltrazzjoni li seta' kien hemm ta' transazzjonjiet suspettuzi".

Bhalma ghamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti qrat l-ittra in kwistjoni aktar minn darba u l-konkluzjoni taghha hi li, apparti li ma jirrizultalhiex mill-assjem tal-provi li l-appellant kellu xi *animus injuriandi* fil-konfront tal-Bank, l-ittra bl-ebda mod ma tirrifletti hazin fuq l-operat tal-Bank u dan ghalkemm il-persuni li jissemmew b'isimhom fl-ittra kienu wiehed direttur u iehor ex-direttur tal-Bank kwerelant. Hekk, permezz ta' l-ewwel paragrafu li minnu l-Bank kwerelant qieghed jilmenta, qed tigi allegata assocjazzjoni ma' *"Russian organised crime"* mhux tal-Bank izda ta' Alex Cuschieri. Ghalhekk dik id-dikjarazzjoni hi malafamanti fil-konfront ta' Alex Cuschieri u mhux fil-konfront tal-Bank peress illi qieghed jigi allegat li gie elett f'Dicembru 1996 bis-sahha ta' ishma li jappartjenu lill-kriminalita` organizzata Russa. Anzi s-serjeta` fl-operat

tal-Bank johrog car mill-paragrafu sussegwenti li jsostni li dik il-persuna *"was unable to exert much influence as he operated in a hostile environment in a minority of 8 is to 1"*. L-istess jista' jinghad ghal partijiet ohra ta' l-ittra li jsemmu lil Paul Bonello u li huma malafamanti fil-konfront tieghu biss u mhux fil-konfront tal-Bank. Kwantu ghat-tieni paragrafu li dwaru qieghed jilmenta l-Bank, hawn ukoll l-ittra mhijiex qieghda titkellem dwar allegat stat ezistenti izda dwar il-biza' ta' dak li jista' jigri (*"foreseeably"*) jekk ikun hemm zewg diretturi b'konnessjonijiet allegatament suspetti. L-ittra giet kjarament indirizzata lill-Prim Ministru peress li l-Gvern kien diga` nnomina lil Alex Cuschieri bhala r-rapprezentant tal-Gvern ghal fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Mid-Med Bank.

F'dawn ic-cirkostanzi l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------